XOGĦOL TA' VALUR • XOGĦOL TA' VALUR • XOGĦOL TA' VALUR •

ART WORKS

# XOGĦOL TA' VALUR

GWIDA GĦAL EDUKAZZJONI U KARRIERA FL-ARTI.

Ippubblikat għall-ewwel darba fl-2025 mill-Kunsill Malti għall-Arti

Chairman Eżekuttiv Dr Luke Dalli

Eżekuttiv tal-Edukazzjoni u l-Iżvilupp Dr Nikki Petroni

Kap tal-Komunikazzjoni Maria Angela Vassallo

Eżekuttiv (Impenn Diġitali) Eleonora Ruggieri

Eżekuttiv tal-Komunikazzjoni Angelica Vella

Miktub minn Maria Muscat

Disinn Sour Punch

Il-Kunsill jixtieq jirringrazzja lil dawk kollha li kkontribwixxew għar-riċerka u l-proċess ta' konsultazzjoni tal-kampanja ArtWorks.

XOGĦOL TA' VALUR • XOGĦOL TA' VALUR • XOGĦOL TA' VALUR •

ART WORKS

# GWIDA

# GĦAL EDUKAZZJONI U KARRIERA FL-ARTI.

# WERREJ

1 INTRODUZZJONI
Merħba għal Ħajja fl-Arti

3 ANTONELLA GALEA LOFFREDA
Fi Kliemhom

5 IMMA QABEL XEJN X'INHI ARTWORKS?

7 SEAN BORG
Fi Kliemhom

9 GĦALIEX L-ARTI?

11 FLORINDA CAMILLERI
Fi Kliemhom

13 KARRIERA FL-ARTI
Mnejn nibda?

15 X'TIP TA' XOGĦLIJIET
tista' ssib hemm barra?

18 IBQA' TGĦALLEM
Ikseb Ħiliet

19 ALAN MONTANARO
Fi Kliemhom

23 ANN-MARIE BUCKLE
Fi Kliemhom

27 DARREN TANTI
Fi Kliemhom

29 FITTEX APPOĠĠ
Finanzjament, għotjiet u inizjattivi

31 DAVID SERGE
Fi Kliemhom

34 KUNTATTI
Itlob L-Għajnuna

35 LEE-N ABELA
Fi Kliemhom

Għeżież,

# MERĦBA.

Huwa ta' pjaċir kbir għalija li nilqgħakom f'din il-gwida, parti essenzjali mill-kampanja ArtWorks. Din l-inizjattiva twieldet mill-fehma li l-arti għandha rwol fundamentali fl-edukazzjoni u fil-ħajja professjonali. Għaldaqstant, hi impenjata li tqiegħed il-kreattività fil-qalba tat-tagħlim u bħala parti naturali mill-esperjenza professjonali ta' kuljum.

Il-mira tagħna hi li noħolqu spazji fejn l-arti u t-tagħlim jiltaqgħu, fejn l-istudenti u l-edukaturi jiskopru l-valur tat-tħaddim tal-immaġinazzjoni u fejn kull min hu interessat fil-qasam kreattiv isib l-appoġġ u l-opportunitajiet li jixraqlu.

Din il-gwida hija maħsuba mhux biss bħala għodda prattika, iżda wkoll bħala sors ta' ispirazzjoni għal kull min jixtieq jagħmel il-pass li jmiss f'din il-mixja. Permezz tagħha, irridu nagħtu leħen lil dawk li diġà għażlu l-vjaġġ kreattiv tagħhom, waqt li nħeġġu lil oħrajn biex jaraw fl-arti għodda u triq lejn futur aktar b'saħħtu u sostenibbli.

Nittama li hekk kif tkunu qiegħdin tqelbu dawn il-paġni, issibu l-enerġija u l-motivazzjoni biex tħaddnu l-arti mhux biss bħala esperjenza personali u professjonali, iżda wkoll bħala parti minn futur kollettiv.

Bl-isbaħ xewqat,

**Dr Luke Dalli**
Kap Eżekuttiv
Kunsill Malti għall-Arti

INTRODUZZJONI

# MERĦBA GĦAL ĦAJJA FL-ARTI.

**Is-setturi kulturali u kreattivi f'Malta qed jiffjorixxu. Permezz ta' ArtWorks, il-Kunsill Malti għall-Arti qed jippromwovi u jinvesti fl-arti bħala għodda dinamika ta' tagħlim u triq differenti li twassal għal karriera. Jekk qed taħseb li l-passjoni tiegħek ssarrafha f'karriera u qed tħewden mnejn se tibda, aħna qegħdin hawn biex niggwidawk.**

## Mnejn nibda?

## Lil min inkellem?

## X'nista' nistudja?

Nifhmu li jista' jkollok ħafna mistoqsijiet, li kull forma ta' arti toffri diversi mogħdijiet għal karriera u li bħala għażla jaf tinħass mhux daqstant ovvja jew popolari. Madankollu, jekk taħseb ftit, l-aktar persuni li jispirawk fid-dinja tal-arti llum, xi darba kienu fl-istess qagħda li tinsab fiha inti, jistaqsu l-istess mistoqsijiet u affaċċjati bl-istess dubji.

F'dan il-manwal se tiltaqa' ma' wħud minnhom – persuni li joħolqu, jgħallmu u jispiraw f'kull jum ta' ħajjithom. Aqra l-istejjer ta' dawn il-professjonisti li qabdu l-mogħdija li tagħti lejn is-setturi kulturali u kreattivi u rnexxew. Kull triq hija twila u mserrpa, imlewna u eċitanti, u ebda storja mhi bħall-oħra.

## Nista' nikseb fondi?

**Dan il-manwal huwa punt tat-tluq informattiv – jelenka r-riżorsi lokali, l-iskemi ta' finanzjament u l-punti ta' kuntatt. Nittamaw li jiggwidak u jispirak taqbad ħajja fl-arti!**

# ANTONELLA GALEA LOFFREDA

## Attriċi, Preżentatriċi u Producer



**X'tagħmel f'xogħlijietek?**
Nilbes il-kappell ta' attriċi, preżentatriċi u producer, u naqleb minn wieħed għall-ieħor; anki jekk fil-fond ta' qalbi nħossni qabel kollox attriċi, u nixtieq nista' niddedika aktar ħin għal dan l-irwol. Minħabba li huma dawn it-tlett irwoli li jagħtuni x'niekol, biex inkun sostenibbli, ikolli nsib bilanċ bejniethom. Meta nirreċta, irrid nitgħallem l-iskritt u hemm ħafna xogħol marbut mal-karattru, fosthom li nanalizza l-irwol u nirriċerka l-perjodu u l-kuntest li d-dramm huwa ambjentat fih. Wara, inqatta' bejn sitt u tmien ġimgħat ta' rehearsals. Fl-irwol ta' preżentatriċi u producer għar-radju u/jew it-televiżjoni, nirriċerka u nikteb l-iskritti qabel nipproduċi. Kull proġett jitlob minni bil-mod tiegħu u kull irwol jagħtini xi ħaġa differenti – ir-reċtar iħallini nesplora fil-fond il-karattri, il-produzzjoni tippermettili noħloq il-proġetti tiegħi, u b'differenza mir-reċtar, meta nkun qed nagħmilha ta' ħaddieħor, fil-preżentazzjoni nkun jiena nnifsi u personalment verament napprezza r-rabta mal-udjenza.

> "TIBŻAX MINN TAĦRIĠ U KORSIJIET AKKREDITATI FL-ARTI – JAGĦTUK BAŻI SODA U JIFTĦULEK BIBIEN GĦAL AKTAR U AKTAR OPPORTUNITAJIET."

**X'ispirak li taqbad din il-karriera?**
Matul il-karriera tiegħi, iltqajt ma' ħafna persuni li ispirawni, imma kien il-perjodu ta' tliet snin ta' taħriġ intensiv ta' drama fl-1996 li l-aktar wassalni għal din il-karriera. F'dak iż-żmien tħarriġt ma' wħud mill-aqwa għalliema fix-xena teatrali lokali. Kienu ispirazzjoni kbira u għenuni nirfina senegħti fi żmien meta għalija t-teatru u l-midja kienu għadhom passatempi. Madankollu, inqaleb verament kollox meta l-għarus tiegħi ta' dak iż-żmien, illum żewġi, li kellu esperjenza konsiderevoli ta' xogħol wara l-kwinti u produzzjoni, lesta l-istess taħriġ għall-atturi, u jiena rrealizzajt, li nistgħu ningħaqdu flimkien u noħolqu l-produzzjonijiet tagħna. Huwa hemmhekk meta fhimt li ridt nieħu l-qabża u nimpenja ruħi għalkollox għal din il-karriera.

**Tista' taqsam magħna xi ħaġa li inti kburija biha?**
Xi ħaġa li jiena kburija biha hija l-kollaborazzjoni. Jiena nfittex b'żelu opportunitajiet biex naħdem ma' persuni minn sfondi kreattivi differenti. Nemmen li tikseb l-aqwa riżultati meta taqsam l-ideat u tirrispetta l-punti b'saħħithom ta' ħaddieħor. Din l-attitudni mhux biss issaħħaħ ir-riżultati imma wkoll trawwem żvilupp fiż-żewġ naħat.

Imma qabel xejn

# X'INHI ARTWORKS?

L-irwol edukattiv u professjonali tal-arti jeħtieġ jiġi sostnut u mkabbar. Huwa għalhekk li l-Kunsill Malti għall-Arti ħoloq il-kampanja ArtWorks.

Il-Kunsill Malti għall-Arti qed jissieħeb ma' persuni u l-partijiet ikkonċernati ewlenin fis-settur edukattiv u kulturali biex jidentifika sfidi u opportunitajiet komuni għal żvilupp indirizzati mill-kampanja.

## BIEX INKABBRU L-KREATTIVITÀ

**biex ngħinu nrawmu ambjenti edukattivi li fihom, il-kreattività, il-ħsieb kritiku, u l-kollaborazzjoni jsiru biċċa waħda mit-tagħlim.**

## BIEX NGĦINU L-EDUKATURI

**Nixprunaw metodi pedagoġiċi kreattivi u l-aqwa prattiċi biex intejbu l-benesseri u l-prestazzjoni tal-għalliema u l-istudenti.**

## BIEX NIMLEW IL-LAKUNI

**Noħolqu spazji u opportunitajiet għal djalogu bejn ambjenti edukattivi u l-industrija kulturali u kreattiva biex permezz tagħhom iż-żewġ setturi jsibu sinerġiji bejniethom.**

# SEAN BORG

## Artist Indipendenti



**X'tagħmel bħala artist indipendenti?**
Diversi affarijiet. Bħala mużiċist, kantant u attur – nagħti prestazzjonijiet – imma nikteb ukoll. Jiena wkoll professjonist fil-marketing. Iggradwajt fil-Marketing mill-Università, u llum kważi naħdem esklużivament fil-marketing għas-settur kulturali. L-interessi u l-ħiliet tiegħi jirkbu fuq xulxin u jitimgħu wieħed lill-ieħor, u dejjem inħoss li nista' nerġa' ndur għall-marketing jekk l-affarijiet ma jmorrux kif nixtieq. Meta kont iżgħar, ma kontx nimmaġina li hu possibli taħdem għal rasek u quddiemi ftit kelli mudelli li kienu qed jirnexxu b'mod sostenibbli li stajt nimxi fuq il-passi tagħhom. Madankollu, meta ħdimt mal-V'18 ħadt l-ewwel dewqa ta' xi tfisser taħdem fis-settur kulturali biss u qatt ma ħarist lura.

**Xi sfidi ssib bħala xi ħadd li jaħdem għal rasu?**
Minkejja li x-xena tal-arti esperjenzat ħafna tkabbir infrastrutturali, min jaħdem għal rasu xorta jħoss li jrid jaħdem ħafna biex jaċċerta li jaqla' dħul diċenti u dan jista' jwassal għal kollass. Fil-qasam kreattiv, id-dħul u r-rati huma diffiċli tikkwantifikahom. Madankollu, dawn il-problemi mhumiex esklużivi għas-setturi kulturali. Sfida oħra hija n-nuqqas ta' riżorsi rigward spazji għal rehearsals u prestazzjoni li jistgħu jinkrew b'rati affordabbli.

**Hemm xi attitudnijiet lejn l-arti li tixtieq tisfida?**
L-esperjenza ta' xogħol barra minn Malta fetħitli għajnejja beraħ. Tajt żewġ prestazzjonijiet fil-Edinburgh Fringe u rajt it-talent Malti f'dak il-kuntest, u deher biċ-ċar li huwa fuq l-istess livell ta' dak barrani li kien hemm fl-istess arena. L-idea li t-talent Malti għadu lura meta mqabbel ma' dak barrani hija disfattista u onestament, żbaljata.

> "ĦADDEM MOĦĦOK, QIS LI JKOLLOK PJAN, AQTA' BI SNIENEK, EMMEN FIK INNIFESK U INVESTI SEW F'ĦILIET TRASFERIBBLI."

## Għaliex

# L-ARTI?

**Bidliet pożittivi fl-edukazzjoni u d-dinja tax-xogħol jistgħu jseħħu billi jiġi promoss il-valur trasversali tal-arti fit-tagħlim ta' ħiliet bħall-ħsieb kritiku, il-kreattività, u l-kollaborazzjoni, f'diversi kuntesti li jmorru lil hinn minn xogħlijiet u industriji speċifiċi.**

## Għodda edukattiva.

Ix-xenarju edukattiv tal-lum qed jiffoka fuq tagħlim kollaborattiv u esperjenzjali, kif ukoll fuq il-benesseri ħolistiċi tal-istudenti u l-edukaturi. L-ArtWorks tippromwovi l-forom varji tal-arti kif ukoll tqis l-arti bħala għodda dinamika li ssaħħaħ it-tagħlim min-naħa tal-edukaturi kif ukoll tal-istudenti ta' kull età.

## Forza trasformattiva.

L-arti fl-edukazzjoni tista' ssaħħaħ is-soluzzjoni tal-problemi, l-emanċipazzjoni, u r-reżiljenza. Billi tindirizza sfidi edukattivi b'approċċ multidimensjonali, l-ArtWorks issostni l-qawwa trasformattiva tal-arti u t-tagħlim tal-aħħar ħiliet u approċċi.

## Mogħdija diversa għall-karriera.

L-edukazzjoni bl-arti tiftaħ mogħdijiet varji għal karriera li jagħnu lil kulħadd b'forom uniċi ta' espressjoni. Mogħdijiet għal karrieri artistiċi jistgħu jiftħu firxa dinamika u vasta ta' opportunitajiet f'dixxiplini li jvarjaw minn arti performattiva, produzzjoni ta' films, arti u disinn viżiv għal tmexxija ta' palk u produzzjoni, disinn ta' ħoss u dawl u aktar.

## Tiffaċilita l-innovazzjoni.

Il-kreattività hija kruċjali biex jissaħħaħ is-suċċess intraprenditorjali fi kwalunkwe post tax-xogħol. Il-ħsieb kreattiv jippermetti lill-individwi biex jiżviluppaw ideat ġodda u innovattivi, jisfidaw in-normi u modi konvenzjonali ta' ħsieb, fl-arti stess kif ukoll f'oqsma oħra.

## Għalhekk, il-Kunsill Malti għall-Arti

→ beda proċess biex iwaqqaf u jiżviluppa l-pedamenti għall-Karta għall-Istatus tal-Artist. Din il-Karta għandha l-għan twaqqaf standards u oqfsa li jirriflettu l-ħafna realtajiet tal-artisti lokali, billi tipprovdi qafas dinamiku ta' referenza għal kull leġiżlazzjoni, politika, jew inizjattiva li tmiss lill-artisti u s-setturi kulturali u kreattivi direttament jew indirettament, u tiżgura li kull azzjoni timxi fuq l-isess linji tal-aħħar viżjoni fit-tul li tgħolli l-istatus tal-artisti f'Malta f'konformità mal-valur tanġibbli li jagħtu lis-soċjetà Maltija: Karta għall-Istatus tal-Artist

KARTA GĦALL-ISTATUS TAL-ARTIST

→ nieda l-kampanja Dritt għall-Kultura inizjattiva bil-għan li tgħin lil persuni jimpenjaw ruħhom fil-kultura u l-arti, u ssaħħaħ l-kwalità tal-iskambju kulturali, l-inklużjoni, u l-aċċessibbiltà fil-ħajja kulturali. L-Iskema ta' Appoġġ għall-Arti, bħala parti mill-portafoll ta' appoġġ tal-Kunsill Malti għall-Arti, tinvesti fl-integrazzjoni ta' dritt għal kulħadd għal aċċess, parteċipazzjoni, u tgawdija tal-kultura, il-wirt kulturali, l-espressjoni kulturali, u l-iżvilupp tas-setturi kulturali u kreattivi ta' Malta. Il-pakkett ta' riżorsi ta' Dritt għall-Kultura jinsab online kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż.

DRITT GĦALL-KULTURA

Żur il-paġna tagħna Aħna l-Kunsill Malti għall-Arti fuq is-sit tagħna għal aktar informazzjoni dwar riżorsi, toolkits, u mudelli prattiċi li jistgħu jgħinuk fil-vjaġġ tiegħek!

# FLORINDA CAMILLERI

## Artista fiż-Żfin



**Tista' tgħidilna xi ħaġa dwar il-vjaġġ tiegħek fiż-żfin?**
L-arti minn dejjem kienet parti mit-trobbija tiegħi. Bdejt il-ballet ta' tliet snin u kont nattendi skejjel tas-sajf u workshops taż-żfin biex nibni fuq it-taħriġ formali li kont nirċievi. Bdejt insib posti meta ngħaqadt mal-Contact Dance Company – dak iż-żmien kienet l-unika kumpanija lokali taż-żfin kontemporanju. Aktar tard iltqajt u żfint ma' Mavin Khoo u ngħaqadt ma' Żfin Malta bħala żeffiena tal-post għal erba' snin sħaħ. Imma xorta kont inħoss li kien hemm partijiet minni li ma stajtx nesplora u li kelli bżonn insib il-vuċi tiegħi. Huwa f'dan iż-żmien li ddeċidejt li nibda naħdem b'mod indipendenti f'dak kollu marbut maż-żfin. Il-kurżità l-kbira tiegħi kienet iż-żfin barra spazji tradizzjonali – iż-żfin bħala għodda biex teżerċita ċ-ċittadinanza tiegħek. Din il-mistoqsija wasslitni għal Maġisteru dwar il-Prestazzjoni fi Spazju Pubbliku u l-ħafna proġetti li llum niddedika ħajti għalihom.

**Kif issib bilanċ fil-karriera tiegħek?**
Minbarra li jiena għandi karriera bħala artista fiż-żfin, jiena wkoll spiżjara. It-taħriġ xjentifiku tiegħi bħala spiżjara jiddefendi dak razzjonali, regolatorju u sistematiku – min-naħa l-oħra ż-żfin kontemporanju jiffjorixxi f'dinja aktar ħielsa u mhux sistematika, b'ħafna anqas regoli. Madankollu, f'ħajti, kull prattika titma' lill-oħra. Kemm meta tara l-ħajja minn lenti empirika, u kemm meta tgħixha fiżikament, iż-żewġ modi jiffjorixxu meta jirrelataw ma' xulxin. Tista' teċċella bħala speċjalista fil-qasam tiegħek imma tista' wkoll teċċella billi tkun artista interdixxiplinari – iż-żewġ tipi ta' professjonijiet huma meħtieġa fil-kuntest ta' innovazzjoni.

**Tiftakar xi mument ta' ispirazzjoni?**
Missieri kien jirrekordjali dokumentarji taż-żfin fuq VCRs, għalhekk dejjem kelli librerija kbira biżżejjed ta' ispirazzjonijiet li nista' ndur lejha; imma fosthom kollha hemm dan il-VCR partikolari li jispikka. Fih, tidher Sylvie Guillem għaddejja b'ħajjitha, tmur għall-provi u wara titla' fuq il-palk biex tiżfen f''Sissy' ta' Maurice Bejart. Kelli sitta jew seba' snin imma l-mod krud u fl-istess ħin sublimi li Guillem trattat dan il-karattru intens ġabni wiċċ imb wiċċ mal-artistrija taż-żfin għall-ewwel darba.

> "IĊĊELEBRA L-IŻVILUPP TA' SĦABEK – THOSSOKX MHEDDED MIS-SUĊĊESS TAGĦHOM. INVESTI PARTI MINN ĦINEK FIT-TRAWWIM TAL-KOMUNITÀ TIEGĦEK – INTI PARTI MILL-ISTESS KOMUNITÀ LI QED TRAWWEM!"

# KARRIERA FL-ARTI

## MNEJN NIBDA?



### 1. FIEX IRRID NIDĦOL?

Ikkunsidra d-dixxiplini artistiċi kollha. Ikkunsidra xejriet u żviluppi li qed joħorġu bħalissa: aktar fokus fuq l-arti diġitali, il-midja tal-aħbarijiet, terapija bl-arti, u proġetti artistiċi komunitarji.

### 2. X'INHUMA L-VALURI U T-TRAGWARDI TIEGĦI?

X'inhuma l-valuri ewlenin u l-prijoritajiet ta' ħajtek? Fejn tara lilek innifsek minn hawn u ħames jew għaxar snin oħra?

### 3. X'TIP TA' ĦILIET GĦANDI?

Inti tqis ruħek bħala kreattiv(a) jew aktar bħala tekniku/a? Tieħu gost tikkollabora? Kif inhuma l-ħiliet ta' komunikazzjoni tiegħek? Lest(a) titgħallem u taddatta ruħek?

### 4. IEQAF – IKKUNSIDRA SFIDI FIŻ-ŻMIEN IMMEDJAT U FIT-TUL!

Instabbiltà finanzjarja, Kompetizzjoni, Ċaħdiet, Insostenibbiltà ...

### 5. X'GĦAŻLIET GĦANDI BIEX NITĦARREĠ?

Malta jew barra minn Malta? Full-time jew part-time? Akkademikament jew informalment? Mentoraġġ jew internship? Ikkunsidra degrees, mogħdijiet postgradwatorji, workshops, korsijiet online marbuta mas-suġġett tiegħek, imma tingħalaqx f'dak is-suġġett biss.

### 6. LIEMA TIP TA' KARRIERA L-AKTAR TAPPELLA GĦALIJA?

Naħdem għal rasi? Impjieg ma' kumpanija? Fis-settur pubbliku? Intraprenditorija? Nixtieq ngħallem jew nagħmel l-arti? It-tnejn? Kollox?

### 7. EJ! QATT MHU TARD WISQ BIEX TIDĦOL F'NETWORKS U TOĦLOQ KONNESSJONIJIET.

Ingħaqad ma' komunitajiet artistiċi, idħol voluntier fis-settur, oħloq konnessjonijiet ma' professjonisti artistiċi fuq il-midja soċjali...

### 8. X'TIP TA' APPOĠĠ INSIB HEMM BARRA?

Irriċerka u aġġorna ruħek mar-riżorsi u t-tip ta' appoġġ li tista' ssib. Ħaddem moħħok – għotjiet, workshops, residenzi, opportunitajiet ta' finanzjament.

### 9. U L-FINANZI?

Ikkonsulta accountant mill-bidu nett u serraħ moħħok fejn jidħlu t-taxxi, il-VAT, il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, eċċ.

### 10. ... U ĦU NIFS.

Imxi pass pass, it-triq eċitanti ħafna!

# X'TIP TA' XOGĦLIJIET

## TISTA' SSIB HEMM BARRA?

**Dawn huma biss ftit eżempji fl-arti performattiva, l-arti tal-midja, il-letteratura, l-arti viżiva u l-arti applikata...**

## ARTI LETTERARJA

- Awtur ta' Kitba mhux Fittizja
- Awtur ta' Kitba Fittizja
- Kittieb tal-Iskritti tal-Films
- Copywriter
- Poeta
- Drammaturgu
- Editur
- Qarrej tal-Provi
- Aġent Letterarju
- Pubblikatur
- Kittieb Indipendenti
- Kittieb tal-Kontenut/ Blogger
- Kittieb tal-Logħob
- Traduttur Letterarju
- Kritiku Letterarju
- Riċensur tal-Kotba
- Kittieb tad-Diskorsi
- Kittieb tal-Iskritti għall-Films jew it-Televiżjoni
- Konsulent tal-Iskritti
- Kowċ/Għalliem tal-Kitba Kreattiva
- Artist tal-Kelma Mitkellma
- Kittieb Tekniku

## FILM U MIDJA

- Direttur tal-Films
- Professjonist bil-Camera
- Kittieb tal-Iskritti tal-Films
- Kittieb tal-Istoryboards
- Direttur tal-Fotografija
- Fotografu
- Editur tal-Films
- Disinjatur tal-Ħoss
- Producer
- Disinjatur tal-Produzzjonijiet
- Assistent tal-Produzzjonijiet
- Direttur tal-Kasting
- Maniġer tal-Post
- Gaffer
- Maniġer tal-Kostruzzjoni
- Disinjatur tal-Kostumi
- Artist ta' Xogħol Viżiv u l-Effetti Speċjali
- Kulurista
- Superviżur ta' Wara l-Produzzjoni
- Inġinier tal-Awdjo, Kordinatur tal-Intimità

## ARTI PERFORMATTIVA

- Direttur Teatrali
- Attur
- Mużiċist
- Konduttur
- Kompożitur
- DJ, Kittieb tal-Kanzunetti
- Liriċista
- Żeffien
- Koreografu
- Kummidjant
- Artist tal-Irtokk
- Disinjatur tad-Dawl
- Producer
- Maniġer tal-Palk
- Inġinier tal-Ħoss
- Stunt Double
- Artist taċ-Ċirku
- Attur tal-Vuċi
- Persuna li Tħaddem il-Marjunetti
- Dramaturg

## ARTI VIŻIVA

- Pittur
- Skultur
- Ċeramista
- Artist tal-Midja Mħallta
- Fotografu
- Artist tal-Installazzjonijiet
- Printmaker
- Artist tal-Immaġni Jiċċaqalqu
- Kaligrafu
- Kartunist
- Animatur
- Artist tal-Komiks
- Illustratur
- Disinjatur Grafiku
- Konservatur
- Artist Murali
- Installatur tal-Arti
- Maniġer tal-Arti

## ARTI APPLIKATA

- Perit
- Perit tal-Ġonna
- Pjanifikatur Urban
- Disinjatur tal-Wirjiet
- Disinjatur Industrijali
- Disinjatur tal-Prodotti
- Disinjatur Interjuri
- Disinjatur tal-Għamara
- Disinjatur tal-Moda
- Disinjatur tal-Kostumi
- Ħajjat
- Disinjatur tat-Tessuti
- Stilista
- Disinjatur tal-Ġojjelli
- Ġojjellier
- Disinjatur tal-Video Games
- Legatur tal-Kotba
- Induratur
- Neffieħ tal-Ħġieġ
- Artist tat-Tattoos

## ĠESTJONI TAL-ARTI

- Direttur tal-Proġetti
- Strateġista Kulturali
- Kuratur tal-Wirjiet
- Kuratur ta' Mużew
- Direttur Artistiku
- Maniġer tal-Arti
- Amminstratur tal-Arti
- Arkivista
- Programmatur tal-Arti
- Tekniku tal-Arti
- Direttur tal-Iżvilupp
- Kittieb tal-Għotjiet
- Speċjalista tar-Relazzjonijiet Pubbliċi
- Maniġer tal-Post

## EDUKAZZJONI ARTISTIKA

- Għalliem tal-Arti
- Storiku tal-Arti
- Storiku tal-Arti Performattiva
- Akkademiku Letterarju
- Edukatur tal-Mużewijiet
- Kordinatur tal-Arti Edukattiva
- Kittieb tat-Tfassil tal-Kurrikulu għall-Programmi Artistiċi
- Edukatur tal-Gallariji
- Konsulent dwar l-Edukazzjoni għal Organizzazzjonijiet Artistiċi
- Għalliem tal-Arti Online, Riċerkatur tal-Arti
- Mexxej tal-Workshops
- Librar tal-Arti



## ARTI U SAĦĦA

- Terapista bl-Arti
- Terapista bil-Mużika
- Terapista bid-Drama
- Terapista biż-Żfin
- Faċilitatur tal-Arti fil-Komunità; Medjatur Kulturali
- Illustratur/Animatur Mediku
- Psikoterapista bl-Arti
- Psikologu bl-Arti
- Terapista bl-Arti espressiva
- Psikologu tad-Disinn Ambjentali/Disinjatur tal-UX (User eXperience)

## NEGOZJU TAL-ARTI

- Intraprenditur Kulturali
- Negozjant tal-Arti
- Irkantatur
- Evalwatur tal-Arti
- Konsulent tal-Arti
- Avukat tal-Arti
- Professjonist ta' Gallarija tal-Arti
- Maniġer tal-Marketing għal Organizzazzjonijiet tal-Arti
- Kordinatur tal-Fieri tal-Arti
- Kritiku u Kittieb tal-Arti
- Analista tar-Riċerka tas-Suq tal-Arti
- Ekonomista tal-Arti
- Konsulent dwar l-Investiment fl-Arti
- Maniġer tal-Branding għal Prodotti Artistiċi
- Direttur tal-Ġbir ta' Fondi għall-Istituzzjonijiet tal-Arti
- Kordinatur tal-Loġistika tal-Arti
- Maniġer tal-Midja Soċjali għal Artisti jew Organizzazzjonijiet tal-Arti

IBQA' TGĦALLEM

# IKSEB ĦILIET

**F'Malta, l-Arti hija parti mill-kurrikulu nazzjonali, tibda mill-iskola primarja u tibqa' sejra sal-edukazzjoni postsekondarja. Hemm ħafna għażliet x'tikkunsidra, imma żomm f'moħħok li l-Edukazzjoni Artistika tiegħek mhux neċessarjament tkun lineari.**

## → SKOLA PRIMARJA

L-Arti tibda fl-Iskola Primarja (mill-1el sas-6tt sena), b'fokus fuq disinni bażiċi, tpenġija, ħiliet marbuta mal-artiġjanat, il-mużika, u l-arti performattiva. Il-kurrikulu jixpruna l-kreattività, il-litteriżmu viżiv u l-espressjoni. Fl-Iskola Medja (mis-7a' sat-8ien sena), kull student jiġi introdott għad-Disinn u t-Teknoloġija bħala parti minn sistema ta' rotazzjoni madwar erba' suġġetti, bit-tlieta l-oħra jkunu x-Xjenza Domestika, l-Arti u d-Drama.

## → SKOLA SEKONDARJA

Fl-Iskola Sekondarja (mid-9a' sal-11-il sena), tista' tagħżel is-suġġett tad-Disinn u t-Teknoloġija flimkien mal-Arti, id-Drama, il-Moda u t-Tessut, il-Litteriżmu Medjatiku, u l-Mużika fi tħejjija għal ċertifikazzjoni ta' Livell Ordinarju (MATSEC) jew bħala suġġetti vokazzjonali.

## → EDUKAZZJONI POSTSEKONDARJA U S-SIXTH FORM

Fl-Edukazzjoni Postsekondarja u s-Sixth Form, jingħata tagħlim marbut mas-suġġetti tal-Arti, id-Disinn Grafiku, il-Mużika, u t-Teatru u l-Prestazzjoni fuq Livell Avvanzat u Intermedju. Dan it-tagħlim ikopri teknika u teorija avvanzata, u l-istudenti jiġu introdotti għal xogħol imsejjes fuq ir-riċerka fl-arti. Il-korsijiet jiffokaw fuq il-produzzjoni, il-kritika, l-istorja u l-estetika, bil-għan li l-istudenti jifhmu l-ispettru wiesa' li toffri l-Arti u jingħataw il-ħiliet formattivi biex aktar tard jikkunsidraw isegwu karriera artistika.

# ALAN MONTANARO

## Direttur ta' Creative Education, Għalliem u Attur

"QATT TAĊĊETTA 'LE' BĦALA R-RISPOSTA FINALI – ĦAFNA DRABI TFISSER 'MHUX GĦALISSA'. IBQA' PPROVA – IN-NIES U S-SITWAZZJONIJIET JINBIDLU!"



**X'tagħmel fil-ħajja?**
Fil-ħajja, nilbes ħafna kpiepel. Bħala kofundatur u Direttur tal-Marketing u l-Kreattività ta' Creative Education (CrEd) International, il-missjoni tiegħi hija li noħloq għarfien dwar l-irwol vitali li għandha l-arti fl-edukazzjoni. Jiena wkoll ħarrieġ internazzjonali tal-għalliema, irwol li jippermettili nwaħħad l-imħabba tiegħi għall-ivvjaġġar mal-passjoni li għandi biex niltaqa' ma' persuni minn sfondi u kulturi diversi. L-isfond akkademiku tiegħi huwa fil-marketing u l-komunikazzjoni, imma l-palk minn dejjem kien il-passjoni kbira tiegħi. Għalhekk, meta ġietni l-opportunità li mmexxi skola tad-drama, ħtaftha b'idejja t-tnejn. Kienet kurva tat-tagħlim mill-aktar eċitanti – ridt nibbilanċja l-operat tan-negozju waqt li fl-istess ħin niskopri modi innovattivi kif ngħallem lit-tfal – u matulha apprezzajt kull mument. Meta ma nkunx qed naħdem minn wara l-kwinti, ħafna drabi ssibni fuq il-palk!

**X'wasslek tagħżel din it-triq?**
Minn dejjem kont naf li l-arti għandha l-qawwa tbiddel l-istatus quo fl-edukazzjoni. Waqt li kont nifhem li hemm ħafna karrieri marbuta mal-arti performattiva, qatt ma immaġinajt li se nsir għalliem. Il-qabża li għamilt kienet ispirata minn żewġ influwenzi ewlenin: ommi, li spiss kienet teħodni nara films klassiċi jew drammi, u għalliem tal-ġenn tal-Ingliż li ra xrara fija. Kien staqsieni biex flimkien mal-akbar ħabib tiegħi niktbu dramm qasir għal kompetizzjoni tal-iskola. 'Sneezing Time in Camelot' kien rebaħ l-ewwel premju – u żera' l-ewwel żerriegħa għal dak kollu li seħħ wara.

**X'għallmitek il-karriera?**
Jekk hemm ħaġa waħda li tgħallimt, hija li t-tfal, kullimkien huma l-istess – iħobbu jieħdu gost! Dak il-gost iwassal għat-tagħlim. Il-logħob, id-daħq, u l-kreattività huma għodod b'saħħithom biex bihom tgħallem il-ħiliet tal-ħajja. Madankollu, xorta niltaqa' mal-ħsieb li l-arti hija 'sempliċiment passatemp' jew li hija inqas importanti mis-suġġetti tradizzjonali. Jiena nisfida dan il-ħsieb kuljum. L-arti trawwem il-ħsieb kritiku, is-soluzzjoni tal-problemi, l-empatija, u l-intelliġenza emozzjonali – ħiliet li bħalissa d-dinja tagħna għandha bżonn aktar minn qatt qabel. Wasal iż-żmien li napprezzaw il-valur tal-kreattività fost l-istudenti tagħna.




## Università ta' Malta

Wara, l-istudenti jistgħu jkomplu l-istudji tagħhom f'istituzzjonijiet tal-edukazzjoni terzjarja bħalma hija **l-Università ta' Malta**, li għandha diversi dipartimenti li joffru tagħlim u ċertifikazzjoni fuq livell ta' Baċellerat, Baċellerat bl-Unuri, Maġisteru, u Dottorat. Ma' dawn joffru wkoll diversi korsijiet fuq livell ta' ċertifikat jew diploma fil-Malti, l-Ingliż, u lingwi barranin bħala parti mill-Programm ta' Ċertifikat għal Proficjenza fil-Lingwa, kif ukoll il-Programm DegreePlus, li kollha jistgħu jwieżnu l-mogħdija fl-edukazzjoni artistika tiegħek.

Tista' tara l-Prospectus tal-Università ta' Malta, speċjalment l-għażliet offruti minn dawn id-Dipartimenti:

- **L-Arti u l-Istorja tal-Arti – Il-Fakultà tal-Arti**
- **L-Arti, il-Komunitajiet Miftuħa u l-Edukazzjoni għall-Adulti – Il-Fakultà tal-Edukazzjoni**
- **L-Arti Diġitali – Il-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien**
- **Il-Midja u l-Komunikazzjoni – Il-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien**
- **Studji Teatrali – L-Iskola tal-Arti Performattiva**
- **Studji taż-Żfin – L-Iskola tal-Arti Performattiva**
- **Studji tal-Mużika – L-Iskola tal-Arti Performattiva**

## MCAST

**L-Istitut għall-Arti Kreattivi tal-MCAST (Il-Kulleġġ Malti għall-Arti, Xjenza u t-Teknoloġija)** li jinsab il-Mosta, joffri portafoll li dejjem qed jikber ta' korsijiet, mifrux minn arti u disinn sa disinn grafiku u stampar, produzzjoni ta' midja kulturali, fotografija u ġurnaliżmu, disinn tal-moda u arti performattiva, u ħiliet marbuta mal-wirt kulturali. L-Istitut jaħdem mill-qrib mal-industrija biex jipprovdi lill-istudenti b'linji gwida realistiċi marbuta ma' assenjament kif ukoll esperjenzi. Il-programmi huma mifruxa mill-Ewwel Livell tal-MQF – Ċertifikat Introduttorju fl-Arti Kreattiva – sas-Seba' Livell tal-MQF b'Maġisteru fil-Konservazzjoni, il-Midja Kreattiva u l-Intrapriża u d-Disinn tal-Prodotti.

## Kulleġġ Mikiel Anton Vassalli

Il-Kulleġġ Mikiel Anton Vassalli huwa network nazzjonali ta' skejjel speċjalizzati fl-Edukazzjoni tal-Arti Viżiva u Performattiva f'Malta u Għawdex. Din hija l-lista tal-iskejjel li huma parti minn dan in-network:

- **L-Iskola Maltija għall-Mużika fil-Ħamrun toffri aktar minn 40 kors immirati għal firxa ta' studenti minn dawk żgħar sa dawk avvanzati.**
- **L-Iskola Maltija għall-Arti fil-Belt Valletta hija waħda mill-eqdem skejjel tal-arti f'Malta, u toffri lezzjonijiet part-time u filgħaxija – korsijiet fl-arti tradizzjonali bħat-tpenġija, il-pittura, l-iskultura,**

# ANN-MARIE BUCKLE

## Artista tat-Teatru Mużikali



"THALLI 'L HADD JGHIDLEK FIEX INTI TAJBA JEW MINTIX, JEW IWAQQFEK MILLI TOHLOM, ANKI JEKK KOLLOX ISEHH BIL-MOD GHALIK."

**X'jinvolvi li tkun artista tat-teatru mużikali u x'ġiegħlek tħobbu?**
Jinvolvi tkun taf tkanta, tiżfen, u tirreċta f'daqqa. Xi artisti jeċċellaw f'qasam wieħed jew f'kollha kemm huma. Kull artista, lokali jew minn barra minn Malta, bħall-West End ta' Londra, hija differenti, u dak hu s-sabiħ ta' dax-xogħol. Inħobb it-teatru mużikali għax jimlieni enerġija. Teħtieġ ħafna passjoni biex twettaq xogħlok fuq il-palk meta tqis kemm-il dixxiplina hija involuta. Bdejt inħobbu sa minn fuq il-bank tal-iskola, kont inkanta f'Jum il-Premjazzjoni u s-Soirees. Kont ukoll membru fil-kor f'drammi tal-iskola bħal 'The Tempest' u 'Macbeth'. Ilni mmur Stagecoach mindu kelli tmien snin u meta kbirt komplejt nitħarreġ ma' Stagecoach Further Stages. Kont involuta wkoll f'żewġ skambji ta' teatru mużikali f'Malta u f'Oxford. Kont naħtaf kull ċans li kien jiġini. Għalija, mument memorabbli kien meta kantajt 'I Could Have Danced All Night' minn My Fair Lady fil-kunċert li ċċelebra l-25 Anniversarju ta' Stagecoach. Carrie Hope Fletcher, Shan Ako, Dom Simpson, Laura Pick, Katie Ramshaw u Djavan Van De Fliert huma wħud mill-artisti mużikali favoriti tiegħi mill-West End. Huma wkoll ir-raġuni ewlenija għaliex jiena ridt inkun artista tat-teatru mużikali. Ifakkruni li rrid nibqa' naħdem kuljum.

**X'ostakli ssib bħala attriċi mużikali b'AuDHD?**
Bla dubju mhux kollox ward u żahar. Nemmen li l-kumpaniji tat-teatru mużikali jeħtieġu jbiddlu aktar u jinvestu f'aktar aċċessibbiltà għal atturi mużikali b'awtiżmu, ADHD u AuDHD. Kienu jgħiduli li qatt ma nista' nirnexxi fil-musicals, imma fil-fatt aktar xprunawni biex noħroġ minn qoxorti. Irrid nagħti eżempju lis-soċjetà li anki atturi b'awtiżmu u AuDHD jistgħu jirnexxu. Jiena neħodha kontra attitudnijiet ostili billi nibqa' nippersisti, u nibqa' mmur għal-lezzjonijiet tal-kant u ż-żfin. Nista' biss nitlob u nittama li l-kumpaniji tat-teatru mużikali kemm lokali kif ukoll barranin jisimgħu din it-talba u jibdew jinkludu u jaċċettaw atturi b'awtiżmu u ADHD fil-produzzjonijiet mużikali u operistiċi tagħhom. L-inklużjoni u l-aċċettazzjoni huma prezzjużi kullimkien, fuq il-palk u lil hinn.

il-printmaking, u ċ-ċeramika, kif ukoll korsijiet speċjalizzati għat-tfal u l-adulti. Din l-iskola toffri għażla mill-aqwa għal artisti professjonali kif ukoll għal dawk li jqisu l-arti bħala passatemp.

- L-Iskola Maltija għad-Drama u ż-Żfin toffri programmi artistiċi interdixxiplinari għal tfal, żgħażagħ u adulti.
- L-Iskola tal-Arti Viżiva u Performattiva ta' Għawdex (MAVC) għandha erba' dipartimenti, tal-arti, il-mużika, id-drama u ż-żfin, kollha taħt saqaf wieħed. Dan jippermetti lill-iskola toffri firxa wiesgħa ta' suġġetti minn dawn id-dixxiplini permezz ta' korsijiet akkreditati li jwasslu sal-Ħames Livell tal-MQF.

Hemm ukoll skejjel u istituzzjonijiet oħrajn li jgħallmu l-arti jew suġġetti f'oqsma relatati. Tista' ssib lista ta' dawk liċenzjati minn fuq is-sit Malta Qualifications Database tal-Awtorità ta' Malta għal Edukazzjoni Avvanzata u Għolja.

## Soċjetà Maltija għall-Arti (MSA)

Ngħidu aħna, is-Soċjetà Maltija għall-Arti (MSA), hija organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ ibbażata fil-Belt Valletta u toffri diversi korsijiet marbuta mal-arti viżiva, applikata u dik performattiva. Il-lista sħiħa tal-korsijiet tinsab fuq is-sit tagħhom.

Barra minn hekk, diversi Organizzazzjonijiet Kulturali Pubbliċi bħal Festivals Malta, l-Orkestra Filarmonika ta' Malta, il-Malta International Contemporary Arts Space (MICAS), l-Aġenzija Nazzjonali għall-Arti Performattiva (fosthom KorMalta, TeatruMalta u ŻfinMalta), Spazju Kreattiv, Teatru Manoel, u l-Valletta Design Cluster joffru edukazzjoni informali fl-arti permezz ta' korsijiet, workshops u residenzi matul is-sena. Tista' tfittex dwar dan minn fuq is-siti tagħhom.



MALTA QUALIFICATIONS DATABASE
AĊĊEDI GĦALL-IKTAR INFORMAZZJONI

SOĊJETÀ MALTIJA GĦALL-ARTI (MSA)
KORSIJIET

Entitajiet oħra nazzjonali bħal Heritage Malta, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, u l-Aġenzija Żgħażagħ joffru opportunitajiet ta' żvilupp edukattiv u professjonali.

Istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla joffru opportunitajiet permezz ta' Erasmus+ u programmi oħrajn internazzjonali li huma ideali biex tespandi l-vjaġġ edukattiv tiegħek.

- **Nota lill-ġenituri u l-gwardjani! Tista' tibbenifika minn skema ta' tnaqqis fit-taxxa jekk it-tfal tiegħek li għandhom inqas minn 16-il sena jattendu korsijiet tal-artiġjanat, il-midja u l-kultura, u l-arti performattiva u viżiva. Il-korsijiet iridu jkunu mogħtija minn entità jew individwu rikonoxxut mill-Kunsill Malti għall-Arti. Aktar informazzjoni u lista tal-entitajiet kulturali u kreattivi li jipprovdu tali korsijiet li jikkwalifikaw taħt din l-iskema tinsab hawnhekk: Tnaqqis fit-Taxxa fuq Miżati Mħallsa għal Korsijiet Kulturali u Kreattivi – Kunsill Malti għall-Arti**
- **Suġġeriment professjonali lill-ġenituri u l-gwardjani! Meta tkun qed tikkunsidra tagħlim privat marbut mal-arti għal uliedek:**

    - Żgura ruħek li l-iskejjel huma liċenzjati.
    - Qis il-firxa ta' faċilitajiet offruta.
    - Aċċerta ruħek li l-għalliema huma kkwalifikati u għandhom l-esperjenza.
    - Staqsi dwar l-istandards tas-saħħa u s-sigurtà tal-iskola u t-tagħmir tagħha.
    - Qis is-sistemi ta' akkreditazzjoni li l-istudenti jistgħu jagħżlu 'l quddiem.

**Bidu tajjeb fl-arti jagħti bażi soda għal speċjalizzazzjoni, jevita korrimenti li jistgħu jikkompromettu żvilupp 'il quddiem fil-qasam u joffri spazju sigur, kreattiv, professjonali u inkuraġġanti li jippermetti lill-artisti żgħażagħ joħolmu u jesploraw.**

## Madankollu

Tissottovalutax il-qawwa ta' edukazzjoni artistika informali u/jew komunitarja – din ukoll tista' tkun effettiva, tagħtik gost u timpenjak biex titgħallem. Programmi ta' edukazzjoni informali huma addattabbli u jistgħu jilħqu l-bżonnijiet u l-preferenzi ta' firxa wiesgħa ta' studenti. Dawn jipprovdu wkoll alternattiva għal tagħlim standard ibbażat fi klassi li jista' jkun għali wisq. Esperjenza ta' forom differenti ta' arti lil hinn mill-istrutturi edukattivi formali sa minn età żgħira hija tħejjija mill-aqwa għal ħajja fl-arti. Inkiteb f'workshops u korsijiet qosra, żur wirjiet, mur it-teatru, u attendi għal seminars u tours.

# DARREN TANTI

## Artist u Edukatur



"TGĦALLEM L-ELEMENTI BAŻIĊI TA' TMEXXIJA TA' NEGOZJU KMIENI. BIEX ISSIR ARTIST TEĦTIEĠ ĊERTI KWALITAJIET – IMMA F'XENA INTERNAZZJONALI LI DEJJEM QED ISSIR AKTAR KOMPETITTIVA HUWA ESSENZJALI LI TMEXXI L-KARRIERA TIEGĦEK BĦALA INTRAPRENDITUR."

**Tista' tgħidilna dwar l-arti tiegħek?**

Jiena ġej minn tradizzjoni ta' tpinġija u pittura. Bħala adolexxenti, kont ossessjonat bl-Iperrealiżmu u l-Fotorealiżmu, li wassluni biex niffoka ħafna fuq it-teknika. Maż-żmien, meta bdejt nimmatura u komplejt l-istudji tiegħi fl-arti fuq livell postsekondarju u wara terzjarju, bqajt infittex l-eċċellenza teknika b'ħarsa aktar żviluppata, megħjuna minn għarfien aktar profond minn lenti storika u filosofika tal-arti. Il-Maġisteru fl-Arti Diġitali imbuttani aktar 'il quddiem, ippermettili nesplora l-art fuq livell aktar teoretiku u nesperimenta b'midja differenti biex nespandi l-ħiliet artistiċi tiegħi. Maż-żmien, waqaft nikkunsidra ruħi bħala esklużivament pittur, u fil-prattika tiegħi bdejt ninkorpora midja mħallta, l-iskultura, u l-installazzjonijiet. Illum, kuntent nidentifika ruħi bħala artist multimidjali. Eventwalment, żviluppajt passjoni ġenwina għall-edukazzjoni – mhux biss bħala karriera, imma bħala vokazzjoni. It-twaħħid tal-arti u l-edukazzjoni saret ir-rotta naturali tiegħi. Illum, nikkunsidra l-irwol speċifiku tiegħi fl-arti bħala artist-edukatur. Li tkun artist mhux sempliċiment tip ta' xogħol – għal dawk li verament jgħixu l-ħajja ta' artist, din hija stil ta' ħajja. Spiss insib ruħi nħares lejn id-dinja minn lenti ta' artist. B'mod jew ieħor, naħseb fuq l-arti l-ħin kollu.

**Fil-ħajja – jew aħjar, biex taqla' x'tiekol – tista' biss toħloq l-arti?**

Ix-xenarju Malti kulturali u ekonomiku nbidel radikalment f'dawn l-aħħar deċennji, u żdiedu l-opportunitajiet ta' impjieg fil-qasam kreattiv. Ħafna artisti rnexxilhom jibnu biżżejjed momentum u klijentela biex jaħdmu biss fl-arti. Oħrajn baqgħu attivi part-time, u jibbilanċjaw il-karriera artistika tagħhom ma' xogħol ieħor. Waqt li karriera esklużiva għall-qasam kreattiv qed issir aktar vijabbli, xogħol għal rasek għandu diversi sfidi. Biex tirnexxi bħala artist indipendenti, trid tlesti ruħek taħdem f'ekonomija ħielsa u kompetittiva. Fattur ewlieni ieħor li trid tqis huwa x'tip ta' arti trid tipproduċi – jekk hijiex kontemporanja għall-gallariji, kummerċjali, sagra/reliġjuża, jew intix timmira għal suq lokali jew internazzjonali. L-artisti jridu jżommu ruħhom aġġornati u jużaw il-finanzjament disponibbli għas-settur kulturali. L-istituzzjonijiet f'Malta jirrikonoxxu l-importanza tal-għajnuna għall-arti, u jeżistu diversi skemi ta' finanzjament biex jgħinu lill-artisti u l-professjonisti kulturali jiffjorixxu.

# FITTEX APPOĠĠ

## FINANZJAMENT, GĦOTJIET U INIZJATTIVI

**IL-KUNSILL MALTI GĦALL-ARTI jmexxi portafoll divers ta' finanzjament li jgħin l-iżvilupp tas-setturi kulturali u kreattivi ta' Malta.**

Il-kriterji ta' eliġibbiltà tal-Iskemi ta' Finanzjament jisgħu jvarjaw skont l-iskema partikolari. Għal aktar informazzjoni, dejjem ikkonsulta l-linji gwida u r-regolamenti ta' kull skema. Barra minn hekk, il-Kunsill Malti għall-Arti huwa qrib ħafna tal-polz tal-ħajja artistika f'Malta, u għalhekk, ħafna drabi jirrevedi skemi ta' finanzjament biex dawn jaqdu l-ħtiġiet dejjem jinbidlu tas-settur. **Dawn huma xi eżempji ta' fondi, għotjiet u inizjattivi tal-Kunsill Malti għall-Arti li jistgħu jagħmlu sens għalik:**

L-Iskema ta' Appoġġ għat-Taħriġ u l-Iżvilupp tixħet l-attenzjoni tagħha fuq it-trawwim tal-potenzjal kreattiv u l-appoġġ ta' żvilupp professjonali kontinwu. L-Iskema hija maqsuma f'żewġ fergħat skont l-età tal-applikanti, waħda għal dawk 'il fuq minn 18-il sena, u oħra għal dawk bejn 8 u 17-il sena. Hija tgħin attivitajiet bħal: taħriġ jew korsijiet qosra, workshops, masterclasses, internships, apprendistat, residenzi, job shadowing, provi għall-istituzzjonijiet edukattiv jew proġetti kulturali u networking.

Il-Kunsill Malti għall-Arti joffri wkoll l-Iskema għall-Arti fl-Iskejjel, immirata biex issostni u tgħin l-ekoloġija kulturali u kreattiva b'fokus fuq l-edukazzjoni artistika. L-iskema hija mmirata għal istituzzjonijiet kulturali, u tħeġġiġhom jikkollaboraw ma' professjonisti kreattivi biex jesploraw modi pedagoġiċi innovattivi għat-tħaddim tal-arti fl-iskejjel.

Min-naħa l-oħra, l-iskema tal-Pass Kulturali, hija mfassla biex tagħti esperjenzi kulturali u artistiċi ta' kwalità għolja u professjonali lill-istudenti, minn kindergarten sa skejjel postsekondarji, kif ukoll għal istituzzjonijiet edukattivi li jipprovdu edukazzjoni sar-raba' livell tal-MQF. L-iskema tgħin ukoll lil professjonisti kreattivi biex joħolqu u jiżviluppaw xogħol ġdid għal dawn l-udjenzi żgħażagħ. Din tikkumplimenta wkoll il-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali. Sejħiet għal Espressjonijiet ta' Interess għal tressiq/proposti ta' avvenimenti ta' natura kulturali u artistika, joħorġu kull sena fuq is-sit tal-Kunsill Malti għall-Arti.

PASS KULTURALI

**L-Arti mhix iżolata. Is-sejħa tiegħek tista' tkun f'oqsma oħra u ftakar li professjonijiet differenti jinteraġixxu ma' xulxin.**

Il-Pjattaforma tal-Fond għall-Kultura u s-Saħħa għall-Gżejjer Maltin (kofinanzjata mill-Unjoni Ewropea, il-Culture Action Europe u 14-il organizzazzjoni Ewropea msieħba) hija parti minn inizjattiva internazzjonali mmirata biex tgħin artisti Ewropej emerġenti li qed jaħdmu fl-intersezzjoni tal-kultura, is-saħħa, il-kura, u s-setturi soċjali. Dan il-fond b'żewġ frieghi jrawwem kollaborazzjonijiet bejn setturi fuq livell lokali, nazzjonali u internazzjonali u permezz tiegħu artisti jissieħbu ma' enitatijiet jew organizzazzjonijiet fil-qasam tas-saħħa jew il-kura soċjali.

**Opportunitajiet oħrajn mill-Kunsill Malti għall-Arti li jmissek tiżen biex tiżviluppa l-proġetti u l-karriera tiegħek:**

- **L-Iskema ta' Appoġġ għall-Arti**
- **L-Iskema ta' Appoġġ għall-Arti – Dritt għall-Kultura**
- **Il-Programm ta' Appoġġ għall-Aċċessibbiltà**
- **L-Iskema ta' Parteċipazzjoni Internazzjonali**
- **L-Iskema ta' Skambji Kulturali Internazzjonali**
- **L-Iskema għar-Riċerka u l-Iżvilupp Artistiku**
- **L-Iskema ta' Appoġġ għall-Iscreen**
- **Il-Premju tal-President għall-Kreattività**
- **L- Iskema għar-Riċerka u l-Iżvilupp Artistiku**

L-Iskema ta' Boroż ta' Studju fl-Arti f'Malta hija mmexxija mill-Unità tal-Boroż ta' Studju fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni, Sport, Żgħażagħ, Riċerka u Innovazzjoni. Din l-iskema tippromwovi speċjalizzazzjoni professjonali fl-arti billi tgħin individwi b'talenti eċċezzjonali fl-oqsma rispetttivi tagħhom. Dawk li jixtiequ jkomplu

SKEMA TA' APPOĠĠ GĦAT-TAĦRIĠ U L-IŻVILUPP

SKEMA GĦALL-ARTI FL-ISKEJJEL

SKEMA TA' BOROŻ TA' STUDJU FL-ARTI F'MALTA

# DAVID SERGE

## Filmmaker

**X'tagħmel eżattament bħala filmmaker?**
Matul dawn l-aħħar 20 sena, kelli diversi rwoli fl-industrija tal-films, bil-kompetenza ewlenija tiegħi tkun fi tliet oqsma essenzjali: bħala ċinematografu, infassal il-lingwa u l-estetika viżwali ta' kull proġett; bħala camera operator, nikkollabora fuq produzzjonijiet internazzjonali miġbudin f'Malta; u bħala superviżur tal-effetti viżivi, nissorvelja l-vjaġġ kollu li jieħdu l-effetti viżivi, mill-istadju kunċettwali sar-realizzazzjoni tagħhom wara l-produzzjoni.

**Kif bdejt tħobb il-film?**
L-imħabba tiegħi għall-film għandha għeruqha fi tfuliti, grazzi għal nannuwi, li kellu ċinema żgħira privata moħbija fil-ġnien tad-dar. Fiha kien hemm projector 35mm u skrin. Kbirt ngħinu jgerbeb l-irkiekel tas-celluloid waqt li kien jurina xi film bejn il-ħbieb u l-familja. Għadni niftakarni msaħħar nara Indiana Jones and the Last Crusade u l-films oriġinali ta' Superman fuq l-iskrin kbir li kellu, bil-ħoss tal-film għaddej fil-projector ritmikament fl-isfond. Kont inħoss xi ħaġa taħkimni. Dawk il-mumenti bikrin f'ħajtin wassluni biex inħobb iċ-ċinema. Ħafna drabi kont inħossni qisni l-karattru Totò ta' Cinema Paradiso.

**X'parir tagħti lil xi ħadd għadu jibda f'dan il-qasam?**
L-industrija nbidlet drammatikament, u fi żmien qasir. Meta kont għadni nibda, ma kien hemm ebda taħriġ formali li stajt nieħu, ebda tagħlim fuq You Tube, u ebda direttur tal-fotografija li seta' jgħallimni. Kelli ngħallem lili nnifsi, nirrekordja episodji minn MovieMagic li kien jidher fuq it-televiżjoni, u nistudja b'mod ossessiv il-mod intern kif jaħdmu fuq is-settijiet tal-films biex nifhem l-"għaliex" wara kull deċiżjoni. Madankollu, waqt li l-għodda u r-riżorsi evolvew, nemmen li l-aktar ħaġa li għandek bżonn baqgħet l-istess: il-passjoni. Ebda skola tal-film jew kors ta' taħriġ ma jista' joħloq ġo fik dik il-ħeġġa tbaqbaq biex toħloq. Hija dik li trid tkun hemm mill-bidu nett. L-istess ħeġġa li lili imbuttatni 'l quddiem snin ilu għadha tbaqbaq sal-lum. Il-parir tiegħi huwa sempliċi: ibqa' sus wara dik il-passjoni bla waqfien. Ibqa' tgħallem, ibqa' kurjuż, u qatt tistenna permess biex tibda toħloq. Fil-vjaġġ tiegħi, qatt ma stħajt li naħdem fl-arti, u qatt ma tajt wisq kas ta' dawk li ddubitawni. Sija fil-ħajja, sija fl-arti, trid twitti l-mogħdija tiegħek inti stess.



"IBQA' SUS WARA DIK IL-PASSJONI BLA WAQFIEN. IBQA' TGĦALLEM, IBQA' KURJUŻ, U QATT TISTENNA PERMESS BIEX TIBDA TOĦLOQ."

l-istudji tagħhom f'dawn l-oqsma ta' arti espressivi: il-Belle Arti u d-Disinn, il-Fotografija, il-Moda, l-Arkitettura, iż-Żfin u l-Koreografija, il-Mużika, l-Istudji Teatrali, ir-Reċtar, il-Film, il-Kitba Kreattiva, jew kwalunkwe taħlita tagħhom huma mħeġġa japplikaw. Is-Sejħiet u r-Regolamenti jiġu ppubblikati kull sena fuq is-sit tagħhom.

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni, Sport, Żgħażagħ, Riċerka u Innovazzjoni joffri boroż ta' studju oħra li jistgħu jsostnu l-mogħdija tal-karriera tiegħek fl-arti, li jibqgħu sejrin sa stadju postdottorali. Ħafna mill-boroż ta' studju tagħhom jaċċettaw applikanti ġodda matul it-tieni kwart ta' kull sena, madankollu inti mħeġġeġ tfittex matul is-sena sejħiet ġodda miftuħa.

## Ikkunsidra skemi ta' finanzjament internazzjonali wkoll!

Ngħidu aħna, Is-Sejħiet tal-UE għal Finanzjament fis-Setturi Kulturali u Kreattivi. Barra minn hekk, jekk twieġeb għal ġabra ta' mistoqsijiet fuq il-pjattaforma online Creatives Unite: Funding, bħala professjonist jew membru ta' organizzazzjonijiet kulturali jew kreattivi tingħata ħarsa personalizzata dwar is-sorsi differenti ta' finanzjament li tista' taċċessa.

Il-programm tal-Ewropa Kreattiva huwa maqsum f'żewġ fergħat, il-Kultura u l-Midja, u huwa megħjun minn fergħa transsettorjali. Kull sena, jinħarġu u jiġu ppubblikati numru ta' sejħiet u opportunitajiet ta' finanzjament u Creative Europe Desk – Malta toffri gwida u konsulenza lill-applikanti prospettivi.

MEYR

SEJĦIET TAL-UE

CREATIVES UNITE

EWROPA KREATTIVA



**Il-Kunsill Malti għall-Arti joħroġ opportunitajiet internazzjonali regolarment ukoll.** Fittex is-sezzjoni 'Opportunitajiet' fuq is-sit tagħna.

# KUNTATTI

# INT FEJN INT

## ITLOB L-GĦAJNUNA.

**Kunsill Malti għall-Arti**
strategy@artscouncil.mt

**Konsulenza dwar il-Karriera**
info@csm.edu.mt

**Gwida għall-Karriera fil-Kulleġġ Malti għall-Arti, Xjenza u t-Teknoloġija**
career.guidance@mcast.edu.mt

**Konsulenza dwar il-Karriera fis-Segretarjat għall-Edukazzjoni Kattolika**
rachele.muscat@maltadiocese.org

**Euroguidance Malta**
euroguidance.malta@ilearn.edu.mt

**L-Istitut għall-Edukazzjoni**
ife@ilearn.edu.mt

**Jobsplus**
jobsplus@gov.mt

**Malta Career Guidance Association**
info@mcga.org.mt

**Is-Servizz Nazzjonali ta' Sapport lill-Iskejjel**
nationalschoolsupportservices.mfed@gov.mt

**Is-Servizz ta' Konsulenza għall-Istudenti fil-Ġ.F. Abela Junior College**
advisory.jc@um.edu.mt

**Is-Servizz ta' Konsulenza għall-Istudenti fil-GCHSS - Giovanni Curmi Higher Secondary**
gchss.guidance@ilearn.edu.mt

**Is-Servizz ta' Konsulenza għall-Istudenti fl-Università ta' Malta**
sas@um.edu.mt jew tista' tagħmel appuntament fuq:
um.edu.mt/sas/appointments

# LEE-N ABELA

## Persuna Taħdem fit-Teatru



"NEMMEN FL-ESPERIMENTI. IDĦLILHOM. AGĦMEL IŻBALJI KEMM TRID. ĦOSS IL-FERITI. TITGĦALLEM BISS META THAMMEĠ IDEJK"

**X'kien dak li wasslek tidħol speċifikament fid-dinja tat-teatru minn tant forom ta' arti differenti?**
Għalija misteru għax bħala tifla t-teatru ma kienx parti minn ħajti. Meta kont iżgħar, ir-reċtar ma kienx meqjus bħala 'xogħol', u jiena ma kelli ebda mudell biex nimxi fuq il-passi tiegħu. Kont nirreċta għall-familja tiegħi u ħafna drabi kont niġi mċanfra għax kont 'nikkummidja' l-iskola, minflok niġi imbuttata biex naqbad din it-triq jew jeħduni fil-post ideali fejn nista' nesprimi ruħi. Imma b'xorti tajba, jiena nisma' biss minni nnifsi. Il-ġibda lejn l-arti kienet xi ħaġa li ma stajtx ninjora. Għalhekk, meta kbirt u ma bqajtx 'nikkummidja', ħassejt xi ħaġa nieqsa. Illum bħala persuna li taħdem fit-teatru, nilbes kull kappell li jiġi għal idejja: nirreċta, nidderieġi, nipproduċi. Xejn ma jżommni!

**Fil-ħajja, jew aħjar, biex taqla' x'tiekol, tista' taħdem biss fit-teatru?**
IVA, tista'! Imma żomm f'moħħok dan li ġej. Ix-xogħol fl-arti mhuwiex kollu ward u żahar. Il-qasam tal-arti huwa wieħed professjonali u biex tirnexxi trid l-istess ħeġġa, dixxiplina, u perseveranza li għandek bżonn fi kwalunkwe qasam ieħor. Għandek aktar ċans tirnexxi jekk tiddiversifika u tifrex il-ħiliet tiegħek, għal darb'oħra, bħal kull qasam ieħor. Ħajjet attriċi u dak li jidher fuq il-midja soċjali huma differenti daqs il-lejl u n-nhar. Tħallihomx jingannawk u tibda taħseb li bħala attriċi se jkollok l-aqwa karozzi u biljett dirett għal Beverly Hills. Attenta mill-fantasiji li jidhru fuq il-midja soċjali u l-pjattaformi online, u minflok staqsi mistoqsijiet aktar realistiċi. Ipprova kollox u kulma jiġi għal idejk, ikseb esperjenza – mur dak id-dramm, ipprova dak il-workshop. Ftakar, l-aqwa għalliema tiegħek huma l-esperimenti u l-iżbalji.

## Fil-Kunsill Malti għall-Arti, irridu l-Arti tkun

# FIL-QALBA TAL-FUTUR TA' MALTA.

## Xprunati mill-impenn tagħna għad-drittijiet kulturali, ninvestu fl-arti biex insaħħu l-ekoloġija kreattiva u kulturali ta' Malta.

Xprunati mill-impenn tagħna għad-drittijiet kulturali, ninvestu fl-arti biex insaħħu l-ekoloġija kreattiva u kulturali ta' Malta. Il-kampanja ArtWorks hija ħolqa waħda f'katina twila ta' opportunitajiet imfassla mill-Kunsill Malti għall-Arti biex tgħin artisti stabbiliti u dawk li qed jitrawmu matul il-karriera tagħhom. Biha, inlaqqgħu diversità ta' oqsma strateġiċi, fosthom l-edukazzjoni u l-iżvilupp, l-investiment pubbliku, id-diversità u l-komunitajiet, kif ukoll l-intraprenditorija kreattiva. Għall-futur, żomm il-pjattaformi tal-Kunsill Malti għall-Arti qribek ħa ssib l-aħħar informazzjoni malajr.

**artscouncilmalta.gov.mt**

Ikkuntattjana
TG Complex, Suite 1, Level 1, Triq Il-Birrerija, Zone 3, Birkirkara, Malta

Ġenerali +356 2334 7201/02 / info.acm@artscouncil.mt
Finanzjament/Senserija +356 2334 7230 / fundinfo@artscouncil.mt
Komunikazzjoni comms@artscouncil.mt

KUNSILL
MALTI
GĦALL-ARTI